# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 18 ta' Ġunju, 2025**

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 744/2023 ISB**

**Av. Philip Manduca bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**Vs**

**L-Av. Tanya Sammut u l-P.L. Davina Sullivan b'digriet tal-1 ta' Settembru 2023 inħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Libya Shipping Company**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Av. Philip Manduca noe.** tal-14 ta' Lulju 2023 u li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *tiddikjara li il-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprieta tas-societa attrici u l-Att tmienja (8)*

*tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-societa attrici.*

2. *tordna l-qerda tal-"garments" spaccjati u/jew prodotti u jew migjuba f'Malta fil-container **CMAU0983017** mill-konvenut bit-trademark/s tas-societa attrici*

U dan wara illi ppremetta:

*Illi s-societa attrici hi proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092*

*Illi dan l-ahhar l-konvenut ikkontravjena t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-societa attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' "garments" bil-marka "Puma" liema oggetti huma "counterfeit".*

*Illi ghalhekk l-konvenut ikkaguna danni lis-societa attrici.*

*Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u jew prodotti u jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprieta tas-societa attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' L-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003).*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 3 sa fol 32).

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Settembru 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrent noe. tat-13 ta' Novembru 2023 (fol 37) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tal-**Ispettur tad-Dwana Antoine Scalpello** (fol 38 sa fol 39).

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal**-Avukat Dr Tanya Sammut et** intavolata fis-16 ta' April 2024 (fol 45) u li permezz tagħha ngħad:

1. *Illi l-esponenti jinformaw illi huma kkomunikaw mal-Avukat Philip Manduca sabiex jghaddilhom kwalunkwe informazzjoni fil-pussess tieghu dwar l-indirizzi/emails tas-socjeta' konvenuta izda jirrizulta illi m'ghandu l-ebda informazzjoni hlief dak kontenut fil-Bill of Lading (hawn annessi emails* ***Dok. A****). Illi ghalhekk intbaghtet email fuq l-email address li instab online mill-esponenti kuraturi pero' risposta lura ghadhom sallum ma' rcevewx (kopja hawn annessa* ***Dok. B****). Illi l-esponenti kuraturi ovvjament mhumiex lanqas certi jekk dan l-email address jappartjeniex lis-socjeta' konvenuta;*

2. *Illi ghalhekk l-esponenti ghadhom m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern;*

3. *Illi ghaldaqstant huma jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm il-darba l-esponenti jirnexxilhom jkunu edotti mill-fatti.*

4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2024, ir-rikorrenti noe. ppreżenta nota (fol 54) b'affidavit t'**Antoine Scalpello** (fol 55 sa fol 56) u ddikjara li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-6 ta' Diċembru 2024, bi qbil bejn il-partijiet, il-Qorti ddikjarat il-ġbir tal-provi magħluqa u rat għalhekk illi l-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi jirriżulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mill-attur noe. ai termini tal-Artikoli **2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Permezz tar-rikors ġuramentat tiegħu, l-attur noe. jispjega li s-soċjeta' rikorrenti PUMA AG Rudolf Dassler Sport hija propjetarja tal-marka 'PUMA' bin-numru 13091 u l-marka 'Cat' bin-numru 13092.

Jispjega li l-konvenut ikkontravjena t-*trademarks* in kwistjoni billi uża sinjal identiku għar-rigward ta' oġġetti li huma identiċi ma' dawk li dwarhom it-*trademarks* tas-soċjeta' attriċi ġiet reġistrata u dan billi inġiebu f'Malta kwantita' ta' *garmets* bil-marka *PUMA* li m'humiex awtentiċi.

Jgħid li għalhekk l-konvenut ikkaġuna danni lis-soċjeta' attriċi u konsegwentament għandha ssir il-qerda tal-oġġetti mportati f'Malta b'tali marka.

In sostenn tal-fatti dikjarati, ir-rikorrenti noe. ppreżenta lill-Qorti s-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

Dok. "A": Trademarks tas-soċjeta' attriċi reġistrati f'Malta

Dok. "B": Bill of Lading

Fl-affidavit tagħha, **Maria Sol Atzpodien,** *Counsel Brand Protection of PUMA SE,* tgħid li wara li analizzat ritratti ta' elf u ħames mitt (1,500) *garment* li ġew maqbuda mid-Dwana Maltija mill-Container CMAU0983017 EX SC MEDFORD bir-referenza 55.23.093 fit-13 ta' Mejju 2023, tista' tikkonkludi illi l-marki huma foloz għas-segwenti raġunijiet:

1. Is-*security features* u tabelli huma ħżiena jew nieqsa;
2. Il-kwalita inferjuri tal-prodotti;
3. L-ippakkeġġjar huwa nieqes.

Fl-affidavit tiegħu, **Antoine Scalpello** – impjegat mad-Dwana ta' Malta bħala fizzjal fis-sessjoni tal-infurzar, jgħid li l-kontejner bin-numru CMAU0983017 inħatt fil-port ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur SC MEDFORS fit-13 ta' Mejju 2023 u ġie magħżul għal kontroll fiżiku tal-kontenut tiegħu. Jgħid li skont il-polza tat-tagħbija li ġġib in-numru AYD0118474 tal-vjaġġ numru OJN8EN1MA l-oriġini tal-kontejner kien MOMBASA ġewwa l-Kenya u kien destinat għal Izmir fit-Turkija. Jispjega li bħala kontenut kien iddikjarat li fih 275 kaxxa '*slippers, shorts, shoes and medical products*'. Jgħid li l-kontejner ġie mibgħut minn Exon Genetics & Biotechnology Company Limited ġewwa Kampala fl-Uganda u l-kunsinnatarju u l-parti tan-nofikazzjoni kien indikat bħala Beyler Saglik Bilisim Savunma fit-Turkija.

Jispjega li l-kontejner infetaħ fit-18 ta' Mejju 2023 fil-preżenza t'uffiċjali oħra tad-Dwana u nstab li fil-kaxxi kien hemm diversi prodotti b'markji li huma sorveljati mid-Dwana għall-protezzjoni rigward drittijiet ta' propjeta' intellettwali u l-oġġetti dehru suspettużi li setgħu kienu ffalsifikati.

Jgħid li fis-7 ta' Lulju 2023, waqt li l-kontejner kien qed jinħatt f'wieħed mill-imħażen tad-dwana, instabu elf u ħames mitt (1,500) biċċa ħwejjeġ sportivi b'markji bħal dawk reġistrati f'isem PUMA SE.

Jispjega li fil-11 ta' Lulju 2023, r-rikorrent noe. ġie infurmat bis-sejba tal-ħwejjeġ u minn eżamijiet li saru fuq il-kampjuni elevati rriżulta li l-oġġetti huma fil-fatt ffalsifikati, u fit-13 ta' Lulju 2023 l-istess rikorrent noe ippreżenta kawża appożita fil-Qrati Ċivili ta' Malta.

Jikkonferma li l-imsemmija kunsinna għadha miżmuma mid-Dwana u ġiet irreġistrata bin-numru 55.23.093. Jelenka spejjeż involuti f'dan il-każ partikolari li jeċċedu l-elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u li għadhom jiżdiedu.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Il-Qorti rat il-provi u d-dokumentazzjoni kollha prodotti u jidrilha illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attriċi jidhru li ġew kollha kkonfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors ġuramentat u atti oħra preżentati fl-atti tal-kawża, li jinkludi l-affidavit tal-uffiċjal tad-dwana Antoine Scalpello u tar-rapport ta' Maria Sol Atzpodien, u għalhekk jimmerita illi t-talbiet attriċi jiġu akkolti.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara li rat l-atti kollha u fliet il-provi mressqa, qed taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi** illi *l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballaġġ taghhom) li tikkonsisti f'elf u ħames mitt bicca, f'Container Numru CMAU0983017* li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur, huma oġġetti falsifikati u jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attrici inkwantu li ma humiex

ġenwini, u dan skont l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 u l-artikolu 4 tal-istess Kap. 414.

2. **Tordna** lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn disgħin (90) ġurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruġġi l-oġġetti in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u a spejjeż tal-konvenuta, inklużi tat-trasport, tal-ħażna, tad-distruzzjoni tal-oġġetti in kwistjoni u tal-ispejjeż tal-uffiċjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap 414, u dan kif jirriżulta mill-affidavit tar-rappreżentant tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 39), kollox ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 414.

**Spejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-intimata Libya Shipping Company, b'dan pero' illi l-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**